

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: F S.A.

Konvenut: Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Artikoli 18, 49 kif ukoll 63 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu l-istabbiliment ta' rekwiżiti formali fid-dritt nazzjonali, bħal fil-kawża prinċipali, fejn l-istituzzjonijiet ta' investiment kollettiv li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, minbarra fir-Repubblika tal-Polonia, jew fi Stat ieħor taż-Żona Ekonomika Ewropea jibbenifikaw mill-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq id-dħul, jiġifieri mir-rekwiżit li [dawn l-istituzzjonijiet] jitmexxew minn entitajiet esterni li jeżerċitaw l-operat tagħhom fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti fis-swieq finanzjarji tal-Istat li ġi fih dawn l-entitajiet għandhom is-sede tagħhom?

(¹) ĠU 2009, L 302 p. 32.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fid-19 ta' Jannar
2023 – ND vs DR**

(Kawża C-21/23, Lindenapotheke)

(2023/C 155/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: ND

Konvenut: DR

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIII tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (¹) jipprekludu regoli nazzjonali li, flimkien mas-setgħat ta' intervent tal-awtoritajiet ta' kontroll inkarigati li jissorveljaw u li jinforzaw dan ir-regolament u mal-possibbiltajiet ta' rimedji ġudizzjarji tal-persuni kkonċernati, jagħtu lill-kompetituri s-setgħha sabiex jaġixxu, permezz ta' rikors quddiem il-qratī ċivili, minħabba ksur tal-imsemmi regolament, kontra l-awtur ta' dan, abbażi tal-projbizzjoni ta' praktiki kummerċjali ingħusti?
- 2) Id-data li l-klijenti ta' spiżjar li jaġixxi bħala bejjiegħ fuq pjattaforma ta' bejgħ online jdaħħlu fuq din il-pjattaforma, meta ssir l-ordni ta' prodotti mediciinali li l-bejġħ tagħhom huwa effettivament irriżervat għall-ispiżeriji, iżda li ma humiex suġġetti għal riċetta medika (data bħall-isem tal-klijent, l-indirizz tal-kunsinna u informazzjoni neċċessarja għall-individwalizzazzjoni tal-prodott mediciinali li l-bejġħ tiegħu huwa rriżervat għall-ispiżeriji u li ġie ordnat), tikkostitwixxi data dwar is-saħħa fis-sens tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament 2016/679 u data dwar is-saħħa fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (²)?

(¹) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

(²) ĠU Edizzjoni Specjalì bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355.